

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Fejn u kif>Spejjeż

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [fr](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

il-Franċiż**Spejjeż**

Franza

F'din ittaqsima ssib ħarsa ġenerali lejn l-ispejjeż talproċeduri applikabbli għal Franza. Għal analiżi aktar fid-dettall dwar l-ispejjeż tal-proċedimenti, jekk jogħġbok ikkonsulta dawn l-istudji ta' każijiet: [Liġi tal-Familja – Divorzju](#) [Liġi tal-Familja – Kura tattfal](#) [Liġi tal-Familja – Manteniment](#) [Liġi Kummerċjali – Kuntratt](#) [Liġi Kummerċjali – Responsabbiltà](#)

Dispożizzjonijiet relatati mal-ħlasijiet lill-professjonijiet legali

Irrati huma magħmula minn **ħlasijiet fissi** u **ħlasijiet varjabbli** (ħafna drabi bħala perċentwal talvalur tad-disputa). Trid issir **distinzjoni** bejn: **uffiċjali talqorti: (avukati** u rappreżentanti legali), li lħlas tagħhom huwa parzjalment fiss biss; filpart i kbira, ilħlasijiet huma mifthiema b'mod liberu malklijent. **uffiċjali talqorti jew pubbliċi**, li lħlas tagħhom huwa ffixat millqafas regolatorju talGvern Franċiż.

Avukati talQorti

Id-Digriet Nru. 80-608 tat30 ta' Lulju 1980 jistabbilixxi rati għallavukati talqorti filQorti talAppell. Uffiċjali talQorti / Avukati.

Regolamenti jistabbilixxu rati għallavukati li jirrapreżentaw ilpartijiet filPrim'Istanza. (Digriet Nru. 72-784 tal25 ta' Awwissu 1972 u Nru. 75-785 tal21 ta' Awwissu 1975).

Qaddeja talproċess maħturin millqorti

Irrati għallqaddeja talproċess maħturin millqorti biex jipprovdu formoli tattalbiet, avviżi ta' applikazzjoni u ordnijiet talqorti huma indirizzati fid-Digriet Nru. 96-1080 tat12 ta' Diċembru 1996.

Spejjeż Legali Fissi**Spejjeż Legali fi Proċeduri Ċivili****Spejjeż legali fissi għallitiganti fi proċeduri ċivili**

Fi kwistjonijiet ċivili, hemm **ħlasijiet li huma legalment indispensabbli għal teħid ta' azzjoni**, u lammont tagħhom ġie **stabbilit** jew b'leġiżlazzjoni jew b'ordni talqorti. Dawn ilħlasijiet huma magħrufin bħala **spejjeż**.

Huma jinkludu:

ħlasijiet, *charges*, taxi jew *levies* imħallsa lilluffiċċji talqorti jew lillawtoritajiet tattaxxa (dawn ilħlasijiet jew *levies* huma rari minħabba li lLiġi Nru. 77-1468 tat30 ta' Diċembru 1977 stabbilixxiet ilprinċipju ta' servizz pubbliku b'xejn firrigward talqrati ċivili u amministrattivi);

Lispejjeż għatraduzzjoni taddokumenti, fejn dan huwa meħtieġ bi statut jew bi ftehim internazzjonali;

Spejjeż taxxhud;

Remunerazzjoni lillispeċjalisti tekniċi;

Infiq fiss (ħlasijiet għallqaddeja talproċess, avukati talqorti, avukati);

Emolumenti għal uffiċjali talqorti jew pubbliċi;

Remunerazzjoni lillavukati sakemm dan ikun regolat, inkluż drittijiet għal-akkużi u għallavukati;

Spejjeż involuti biex jintbagħat dokument barra millpajjiż;

Spejjeż għal interpretazzjoni u traduzzjoni magħmula neċessarji minn talbiet evidenzjali li jsiru barra millpajjiż fuq talba talqrati skont irRegolament talKunsill (KE) Nru 1206/2001 tat28 ta' Meju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali;

Rapporti ta' sigurtà soċjali ordnati fuq kwistjonijiet ta' familja u proċeduri ta' *wardship* għalladulti u lminuri;

Remunerazzjoni talpersuna maħtura millqrati biex tirrapreżenta drittijiet tattifel/tifla.

Listadju meta lispejjeż fissi jridu jifħallsu fi proċeduri ċivili

Spejjeż ta' proċeduri ċivili jinkludu ssomom kollha mħallsa jew li għad iridu jingħataw millpartijiet qabel jew matul azzjoni.

Dawn huma per eżempju, qabel ilftuħ ta' proċess, **lispejjeż ta' konsultazzjonijiet ma' konsulenti legali**, speċjalisti tekniċi u **spejjeż talivjaġġar**.

Matul lazzjoni, dawn lispejjeż jistgħu jikkonċernaw **lispejjeż talproċeduri mħallsa lilluffiċjali talqorti**, **ħlasijiet imħallsa lillistat u ħlasijiet ta' konsulenza**.

Wara lproċeduri, huma jistgħu jikkonċernaw **lispejjeż tal-infurzar tassentenza**.

Spejjeż legali fi kwistjonijiet kostituzzjonali**Spejjeż legali fissi għal litiganti fi proċeduri kostituzzjonali**

Minħabba li m'hemmx dispożizzjonijiet għal individwi biex iressqu azzjoni quddiem ilKunsill Kostituzzjonali taħt regoli ta' proċedura Franċiżi attwali, m'hemmx il-bżonn li din ilmistoqsija tiġi mwiegħba.

X'informazzjoni preliminari għandi nistenna mirrappreżentant legali tiegħi (lavukat tiegħi)?**Informazzjoni marbuta maddrittijiet u lobbli talpartijiet**

Hija kwistjoni ta' **imġiba professjonali** għal uffiċjali talqorti li jipprovdu lillkljenti tagħhom, b'informazzjoni marbuta maddrittijiet u lobbli talpartijiet.

Sorsi ta' informazzjoni relatati ma' spejjeż legali**Fejn nista' nsib informazzjoni fuq spejjeż legali fi Franza?**

Fuq issiti elettroniki talMinisteru tal-Ġustizzja u [professjonijiet varji](#).

F'liema lingwi nista' nsib informazzjoni dwar spejjeż legali fi Franza?

Din linformazzjoni hija disponibbli bilFranċiż.

Fejn nista' nsib informazzjoni oħra dwar dawn lispejjeż?

M'hemm lebda sit elettroniku li jippubblika lispejjeż talproċeduri.

Taxxa fuq ilValur Miżjud (VAT)

Fejn nista' nsib informazzjoni fuq din? X'inhuma rriati applikabbli?

Irrati huma mogħtija **b'taxxi esklużi**. Irrati applikabbli talVAT għadha **19.6%** bleċċezzjoni ta' servizzi mogħtija lil **riċevituri ta' għajnuna legali (5.5%)**.

Għajnuna Legali

X'inhuma llimiti taddħul biex tirċievi għajnuna legali?

Lgħajnuna legali ma tagħmel **lebda distinzjoni** bejn kwistjonijiet **ċivili jew kriminali**, jew innatura tad-disputa. Hija tiffoka biss fuq **irriżorsi talapplikant** meta tiġi biex tagħti jew tirrifjuta lbenefiċċju.

Għalhekk, kull **persuna b'nazzjonalità Franċiża** u kull **nazzjonal minn Stat Membru talUnjoni Ewropea**, kif ukoll **entitajiet legali li ma jagħmlux profitt** li jixtiequ jasserixxu drittijiet legali tagħhom iżda li m'għandhomx riżorsi biżżejjed jistgħu jitolbu għajnuna legali.

Listess, **nazzjonali barranin, li huma abitwalment u legalment residenti fi Franza**, huma intitolati li jibbenefikaw minn għajnuna legali fi **kwistjonijiet ċivili**. Din ilkundizzjoni ta' residenza legali mhijiex mitluba fi kwistjonijiet kriminali. Barra minn hekk, ilbenefiċċju ma jiġix imċaħħad lillminuri, irrispettivament mittip ta' proċeduri involuti (ċivili, amministrattivi jew kriminali).

Irriżorsi meqjusin huma **riżorsi medji talaħħar sena kalendarja talapplikant għal għajnuna legali**, kif ukoll **irriżorsi talpersuni li joqogħdu abitwalment fidar talapplikant**, fejn applikabbli. Filkaż talaħħar, illimiti aċċettabbli għallbenefiċċju huma miżjudin b'aġġustamenti għaddipendenti.

Madankollu, riċevituri ta' ċerti tipi ta' **dħul ta' appoġġ** (benefiċċju supplimentari millFond tasSolidarjetà Nazzjonali jew iddħul bażiku garantit) huma eżenti milli jagħtu prova li rriżorsi tagħhom huma insuffiċjenti.

Barra minn hekk, **benefiċċji differenti ta' ħarsien soċjali** ma jitqiesux meta jiġu kkalkulati rriżorsi (benefiċċji talfamilja, ħlasijiet tassigurtà soċjali, benefiċċju taddjar).

Lgħajnuna legali tista' tkun **shifa** jew **parzjali** jiddependi mirriżorsi talapplikant. **Ilimiti taddħul** għall-għoti talgħajnuna legali huma aġġornati kull sena millatt finanzjarju. Għall2009, iddħul medju fixxahar riċevut fl2008 għal persuna waħidha għandu jkun:

ugwali għal jew inqas minn **911 EWRO** għal għajnuna legali shifa;

u bejn **912** u **1,367 EWRO** għal għajnuna legali parzjali.

Dawn illimiti **jiġdiedu b'164 EWRO** għal kull wieħed millewvel 2 dipendenti li joqogħdu malapplikant (fal, sieħeb/sieħba, koabitant, sieħeb ċivil, axxendent, eċċ.) u **104 EWRO** għattietet dipendenti u ssusseġwenti.

Hemm xi kundizzjonijiet oħrajn biex tirċievi għajnuna legali bħala vittma?

Bħala regola ġenerali, **listejtus (eż. vittma jew akkużat) talparti għall-proċedura ma jitqiesx**. M'hemmx differenza filmod kif ilvittmi, lakkuzati, ir-rikorrent jew lakkuzat fi proċeduri kriminali jew ċivili jiġu trattati meta jkun se jiġi deċiż jekk tingħatax għajnuna legali jew le.

Madankollu, **ilqafas tassistema talġustizzja u lliġi talippanar tad9 ta' Settembru 2002** tejbet ilkundizzjonijiet għallacċess għallġustizzja għallvittmi taliktar kriminalità serja, jiġifieri attackki intenzjonati kontra lħajja u lintegrità personali (kriminalità definita u kkastigata bl-Artikoli 221-1 sa 221-5, 222-1 sa 222-6, 222-8, 222-10, 222-14 (1° u 2°), 22223 sa 222-26, 421-1 (1°) u 421-3 (1° sa 4°) talKodiċi Kriminali), u ddipendenti tagħhom sabiex huma jkunu jistgħu jibdedw azzjoni ċivili għaddanni li sofrew wara attackk kontra lpersuna. Biex jibbenefikaw minn għajnuna legali, ilvittmi u ddipendenti tagħhom huma eżentati milli jkollhom għalfejn jagħtu prova tarriżorsi tagħhom. Din iddispożizzjoni tapplika speċifikament għallvittmi ta' stupru jew abbuż fiżiku ta' minuri taħt il15il sena jew persuni li huma partikolarment vulnerabbli, u li jwassal għallmewt jew diżabilità permanenti.

Barra minn hekk, **f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ilkundizzjoni talmezzi tista' tiġi rinunzjata**, mingħajr ma jitqies listejtus filproċeduri talapplikant talgħajnuna legali (rikorrent/lakkuzat, vittma/akkużat) fejn iċċirkustanzi tagħhom huma ta' interess partikolari b'raba malogġett tallitigazzjoni jew lispejjeż imbassra talproċeduri. B'mod partikolari, din iddispożizzjoni tapplika għallvittma ta' offiża kriminali bħala riżultat taċċirkustanzi li fihom saret dik loffiża.

Hemm kundizzjonijiet oħra biex tikseb għajnuna legali bħala akkużat?

Bħala regola ġenerali, m'hemm **lebdha kundizzjoni partikolari** li tirregola lghoti talgħajnuna legali lillakkuzati flazzjoni ewlenija. Madankollu, meta dawk lakkuzati jfittxu xi forma ta' riparazzjoni (appell, applikazzjoni biex iwarbu sentenza, jew appell biex deċiżjoni titwarrab fuq punt ta' liġi (kassazzjoni)), issitwazzjoni ta' min iwieġeb għallappell/applikazzjoni titjeb jekk diġà kellhom ilbenefiċċju talgħajnuna legali. Saħansitra, dawn lindividwi awtomatikament iżommu lbenefiċċju talgħajnuna legali biex jiddefendu ruħhom.

Madankollu, huwa importanti li wieħed jiftakar irregola ġenerali li tapplika kemm għal min jagħmel ittalba kif ukoll għallakkuzat flazzjoni ewlenija, dik li lgħajnuna legali ma tingħatax jekk lispejjeż koperti minn dan ilbenefiċċju huma mniżżla taħt polza talassigurazzjoni għallispejjeż legali jew sistema ekwivalenti ta' protezzjoni.

Hemm xi proċeduri li huma eżenti minn akkużi legali?

Quddiem **ilqorti għal talbiet u offiżi żgħar u lqorti distrettwali**, ilpartijiet mhumiex marbuta li jqabdu avukat. Jekk ilvalur talazzjoni huwa inqas minn 4,000 EWRO, ilkwistjonijiet jistgħu jitressqu quddiem dawn ilqorti blużu ta' proċedura simplifikata li tiddisponi mirrekwiżit talpartijiet li jużaw *proċess server* maħtur millqorti.

Applikazzjonijiet għal reviżjoni talmiżuri relatati mależerċizzju ta' responsabilità talġenituri, inkluż applikazzjonijiet b'raba ma' adożzjoni, fejn ittifel/tifla ġie/t adottat/a qabel letà ta' 15il sena, jew miżuri li jittieħdu wara divorzju, jew applikazzjonijiet għal ħlasijiet ta' manteniment jistgħu jsiru mingħajr avukat permezz ta' applikazzjoni sempliċi.

Bħal filproċeduri kollha quddiem ilqorti ċivili, dawn ilqorti ma jitolbux ħlasijiet biex jibdedw proċeduri jew biex jingħataw sentenzi.

Il-parti telliefa meta għandha tħallas lispejjeż talparti rebbieħa?

Fi kwistjonijiet ċivili, kwalunkwe sentenza jew deċiżjoni li ġġib fi tmiem azzjoni għandha tieħu deċiżjoni fuq lispejjeż li jkunu saru filproċeduri.

Bħala regola ġenerali, spejjeż (**ħlasijiet fissi** – ara hawn fuq) għandhom jiħallsu millparti telliefa. Madankollu, ilqorti tista' f'sentenza raġunata tordna lillparti loħra sabiex tħallas xi ftit minn jew lispejjeż kollha.

Parti waħda tista' titlob ukoll li loppoent iħallas id-drittijiet kollha mħallsa jew parti minnhom u li **mhumix inklużi flispejjeż**. Dawn jikkonċernaw, pereżempju, ilħlasijiet talavukat, ilħlasijiet għarrapport tal*proċess server* u spejjeż talivvjaġġar. Jekk dan iseħħ, ilqorti tista' tordna lillparti mitluba li tħallas lispejjeż, jew b' *default* lillparti telliefa, biex tħallas lillparti loħra ammont stabbilit millqorti biex tkopri linqi li jkun sar u li ma kienx inkluż flispejjeż. Ilqorti tqis ilprinċipji talġustizzja u ċċirkustanzi finanzjarji talparti li tkun ordnata tħallas. Ilqorti tista', fuq mozzjoni tagħha stess, tgħid li m'hemmx bażi biex tagħmel ordni bħal din għal raġunijiet ibbażati fuq listess kunsiderazzjonijiet.

Drittijiet talespert

Fi kwistjonijiet ċivili, ilħlas millesperti maħtura millqorti huwa stabbilit **b'ordni talqorti**.

Jekk ilqorti tqabbaq espert, hija tistabbilixxi *retainer* minn fejn ikun imnaqqas ilħlas. *Irretainer* ikun qrib kemm jista' jkun talħlas finali mistenni. Ilqorti tinnomina lparti jew ilpartijiet li għandha/għandhom jippreżentaw *irretainer* lilluffiċċju talqorti.

Meta jiġi ppreżentat **irrapport talespert**, ilqorti tistabbilixxi r-remunerazzjoni, filwaqt li tqis b'mod partikolari l-inkjesti li jkunu saru, ir-rispett għallimitazzjonijiet tażżmien u lkwaliżta taxxogħol li jkun sar. Ilqorti tawtorizza lillespert biex irodd lura lammonti x-xierqa mpoġġija fluffiċċju talqorti, jew kif meħtieġ, ħlas talammonti addizzjonali lillespert, u jindika lparti jew partijiet li għandhom ikunu responsabbli għal dan.

Issentenza jew iddeċiżjoni li ġġib lazzjoni fi tmiemha tagħti deċiżjoni dwar **ir-responsabbiltà għar-remunerazzjoni ta' l-espert**. Bħala regola ġenerali, din ir-responsabbiltà hija **tal-parti telliefa**, sakemm il-qorti, permezz ta' sentenza raġunata, tagħmel il-parti l-oħra responsabbli għal parti minn jew għad-dritt kollu. Min-naħa l-oħra, id-drittijiet ta' **l-esperti mhux maħtura mill-qorti** huma **mifthiema b'mod liberu bejn l-espert u l-klijent**, u għalhekk mhumiex inklużi fl-ispejjeż. Parti tista' tapplika quddiem il-qorti għal ordni lill-parti ttelliefa jew inkella lill-parti ordnata li tħallas l-ispejjeż, biex tħallas somma li tkopri l-flasijiet li jkunu saru. Il-Qorti tiegħu deċiżjoni wara li tkun qieset il-prinċipji ta' ġustizzja u ċ-ċirkustanzi finanzjarji tal-parti ordnata tħallas.

Flasijiet littradutturi u lillinterpreti

Dawn il-flasijiet huma **r-responsabbiltà tal-parti telliefa**, sakemm il-qorti, permezz ta' sentenza raġunata, tagħmel lill-parti l-oħra obligata għal parti minn jew għall-flas kollu.

Dokumenti relatati

[Studju dwar ir-rapport ta' Franza dwar it-trasparenza tal-ispejjeż](#)  (1312 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 08/11/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.